MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Numru. 94/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Mario Bonello)**

**vs**

**Francis Refalo ta’ 29 sena bin George u Mikelina nee` Atard, imwieled Victoria-Ghawdex fit-12/11/1978 u joqghod Bee Hive, Triq Marsalforn, Xaghra – Ghawdex li ghandu l-karta tal-identita numru 027378(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba til-konfront tal-imputat Francis Refalo u cioe` talli fid-29 ta’ Novembru, 2007, ghall-habta tas-6.30pm gewwa x-Xaghra Ghawdex bil-hsieb li jaghmel offiza ta’ natura gravi fuq David Attard wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni

ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu;

talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ David Attard skond kif iccertifika Dr. P. Sciberras M.D;

talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika bl-ghajjat, bi glied jew b’mod iehor;

talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hebb bi strument li jaqta’ u bil-ponta kontra l-imsemmi David Attard;

talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Semghet il-provi,

Rat d-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta’ rinviju ta’ l-Avukat Generali tas-17 ta’ Gunju, 2008;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Ikkunsidrat;

**It-tentattiv tal-offiza gravi fuq il-persuna**

Illi l-akkuza ewlenija migjuba fil-konfront tal-imputat hija tat-tentattiv ta’ offiza gravi fuq il-persuna. Illi sabiex jissusti ir-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. “Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f’mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta’ l-ghemil tieghu.” (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998). Il-Qorti tosserva illi peress illi f’dana t-tip ta’ reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda

generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta’ offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: “the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.” (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid “Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply *in dubbio pro reo*.”

Illi ukoll f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta’ Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul u ikkonkludiet: “Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali taghna, u cioe’ li jista’ ikollok tentattiv ta’ offiza gravi jew tentattiv ta’ offiza gravissima, purche’ jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz.

Illi mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni rrizulta minghajr l-icken dubbju illi sehh argument bejn l-imputat u l-parte leza David Attard. Madanakollu l-allegat vittma stess David Attard ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri peress illi huwa jigi z-ziju tal-imputat. Ghaldaqstant il-Qorti ser ikollha tistrieh fuq ix-xhieda okulari ta’ nies li kienu prezenti fil-mument li nqala’ dana l-argument. Sfortunatament lanqas ix-xhieda ta’ dawn in-nies ma titfa’ wisq dawl fuq dak li sehh verament ghajr ghax-xhieda ta’ Dr. Aaron Attard Hili. Dana qed jinghad ghaliex dawn ix-xhieda kienu aktar mohhom biex jaharbu minn fuq ix-xena sabiex ma jinvolvux irwiehom f’din il-kwisjtoni, milli biex jaghtu l-assistenza taghhom sabiex jippruvaw jikkalmaw l-

ilmijiet halli l-argument ma jkollux konsegwenzi aktar gravi. Min kien barra u ma ra xejn, min kien gewwa izda telaq 'il barra kif xamm x'kien gej u min baqa' gewwa biex ma jinvolvix ruhu. Tisthajjel li din hija l-istorja tat-tlett xadini muti, torox u ghomja milli kawza kriminali!

Maghdud dana kollu ma hemmx dubju madankollu dwar il-fatti segwenti:

1. Huwa fatt ippruvat illi kien hemm argument bejn l-imputat u Attard. Ma jirrizultax x'wassal ghal dan l-argument ghajr illi jidher illi kien hemm certa animosita bejn dawn it-tnejn minn nies.

2. Il-vittma kien bil-qeghda fil-hanut Diamond Jubilee jara t-television meta l-imputat dahal ghalih.

3. L-imputat kien irrabjat ghal Attard tant illi hu stess jammetti dana fl-istqarrija tieghu anke meta gie mitkellem mill-pulizija fuq il-post. Fir-rapport Dok MB6 jirrizulta illi Refalo qal is- segwenti kliem lil-pulizija (fol. 25): "Tilifni, tilifni, ma nistax nissaportih aktar"

4. Gie rilaxxat certifikat mediku dakinhar stess ftit wara li sehh l- argument mit-Tabib Patrick Sciberras u dana ghal habta tas- 7.00pm minn fejn jirrizulta illi Attard kellu qatgha zghira ta' 6mm fil-qiegh ta' saqajh illi t-tabib fix-xhieda tieghu jghid illi kienet negligibbli.

Illi l-imputat fl-istqarrija tieghu jammetti illi hu u Attard (fol. 17 Dokument MB3), ilhom zmien twil imqabbdin ma xulxin u jammetti illi dakinhar tad-29 ta' Novembru, 2007, huwa kellu argument mieghu tant illi n-nies kellhom johorguh 'il-barra mill-bar. Jichad madanakollu illi huwa kellu sikkina f'idejh ghalkemm jghid illi Attard gholla saqajh fid-direzzjoni tieghu u laqtu fuq genbu.

Dana huwa kompatibbli mal-griehi li sofra Attard fil-qiegh ta' saqajh. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi x-xhieda ta'

Dr. Aaron Attard Hili hija veritjiera meta jghid illi l-imputat kellu arma bil-ponta f'idejh fil-mument tal-aggressjoni.

Stabbiliti dawna l-fatti madanakollu huwa ferm difficli illi tigi stabbilita l-intenzjoni ta' l-imputat, anke wahda generika li jikkaguna xi hsara lill-vittma. Jidher illi huwa mar hemmhekk ghax ma felahx jissaporti lill-imputat u dahal ghalih ghax kien irrabjat ghalih. Izda r-raguni wara dana kollu ma jirrizultax. X'kienet il-mens rea tal-imputat f'dana l-mument ma jistax jigi stabbilit ghaliex ma hemm l-ebda prova f'dana r-rigward ghajr illi l-imputat kien irrabjat ma' Attard dwar xi haga. Izda b'daqshekk il-Qorti ma tistax tikkonkludi minghajr ebda dubju dettat mir-raguni illi huwa kellu l-intenzjoni li jikkaguna offiza ta' natura gravi fuq Attard. Ghaldaqstant l-ewwel imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Illi madankollu fid-dawl tal-esposizzjoni tal-fatti maghmula aktar 'il fuq, it-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjonijiet jirrizultaw sufficjentament ippruvati. Illi ghalkemm David Attard ghazel li ma jixhidx fil-konfront tal-imputat, madanakollu ma jirrizultax mill-atti processwali illi huwa rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat anzi talab li jigi ammess bhala parte civile fil-kawza. Illi Attard kellu ferita minima fil-qiegh ta' saqajh kif xehed it-tabib Patrick Sciberras li hija kompatibbli ma' strument bil-ponta. Illi Dr.Aaron Attard Hili ighid illi huwa ra strument bil-ponta f'idejn l-imputat. L-imputat fl-istqarrija tieghu ighid illi gholla saqajh u tah daqqa f'genbu. Il-Qorti abbazi ta' dawn il-fatti ma ghandha l-ebda dubbju illi t-tieni, it-tielet u r-raba akkuzi jirrizultaw ippruvati.

Finalment ghar-rigward tal-ahhar akkuza, jidher illi dina l-akkuza tinkwadra ruhha f'dak dispost fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Madanakollu fin-nota tar-rinviju tieghu ghal gudizzju l-Avukat Generali jindika l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalkemm jidher illi dana kien xi zball tal-pinna ma ntalbet l-ebda korrezzjoni u kwindi l-Qorti marbuta b'dak illi ghandha quddiemha f'din in-nota. Ghaldaqstant l-imputat qed jigi liberat mill-ahhar akkuza.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti sejra tieghu in konsiderazzjoni l-fedina penali kwazi netta ta’ l-imputat, il-fatt illi l-vittma ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri u finalment il-fatt illi l-ferita kif xehed Dr. Philip Sciberras kienet wahda negligibbli.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 222(1)(2)(3)(a), 214, 338 (dd) u 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba’ akkuzi filwaqt li tilliberah mill-kumplament tal-akkuzi u tikkunannah ghal ammenda ta’ hamsin (€50) ghat-tieni akkuza u ammenda ta’ hamsa u ghoxrin euro (€25) kull wahda ghat tielet u r-raba’ imputazzjonijiet.

Finalment b’applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta turbot lil hati b’garanzija fil-konfront ta’ David Attard ghal zmien sena mil-lum u dana taht penali ta’ hames mitt euro (500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------